V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10342 — Leonard Green & Partners/Goldman Sachs Group/AEA Investors/Visual Comfort)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 262/05)

1. Fit-23 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Leonard Green & Partners, L.P. ("LGP", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— The Goldman Sachs Group, Inc. ("GS", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— AEA Investors LP ("AEA", l-Istati Uniti tal-Amerka), finalment ikkontrollata bi sħab minn John Garcia u Brian Hoesterey,

— Visual Comfort & Co ("Visual Comfort", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata mill-AEA.

LGB, GS u AEA jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Visual Comfort.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— LGP: l-investiment f'kumpaniji li jipprovdu servizzi, inklużi servizzi tal-konsumatur, tan-negozju u tal-kura tas-saħħa, kif ukoll il-bejgħ bl-imnut, id-distribuzzjoni u l-industrija,

— GS: servizzi bankarji globali għall-investiment, titoli u ġestjoni tal-investimenti,

— AEA: l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet għal fondi privati, l-istrutturar ta' tranżazzjonijiet ta' investiment permezz ta' strumenti ta' investiment u d-disponiment ta' investimenti bħal dawn biex jinħoloq redditu għall-investituri fil-fondi privati tagħhom,

— Visual Comfort: il-forniment ta' prodotti tad-dawl dekorattivi u funzjonali. Il-kumpanija tbigħ diversi tipi ta' dwal dekorattivi (bil-marki tad-ditta Visual Comfort, Tech Lighting, Generation Lighting), fannijiet dekorattivi (tal-marka tad-ditta Monte Carlo) u prodotti li huma taħlita ta' dwal dekorattivi u fannijiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10342 — Leonard Green & Partners/Goldman Sachs Group/AEA Investors/Visual Comfort

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.